Parlament Ewropew
2024-2029

Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern

2024/2019(DEC)

13.2.2025

OPINJONI

tal-Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern

għall-Kumitat għall-Kontroll tal-Baġit

dwar il-kwittanza għall-implimentazzjoni tal-baġit ġenerali tal-Unjoni Ewropea għas-sena finanzjarja 2023, Taqsima III – Il-Kummissjoni, l-aġenziji eżekuttivi u d-disa', l-għaxar u l-ħdax-il Fond Ewropew għall-Iżvilupp
(2024/2019(DEC))

Rapporteur għal opinjoni: Tomáš Zdechovský

PA_NonLegDec

OPINJONI

Il-Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern jistieden lill-Kumitat għall-Kontroll tal-Baġit, bħala l-kumitat responsabbli, biex jinkorpora dan li ġej fil-mozzjoni għal riżoluzzjoni tiegħu:

1. Jilqa' l-progress fl-implimentazzjoni tal-programmi nazzjonali tal-Istati Membri fl-2023; jinnota bi tħassib li, minkejja r-rekwiżit li jintefqu l-fondi kollha għall-perjodu ta' programmazzjoni 2014–2020 sa Ġunju 2024, 18 % tal-fondi taħt il-Fond għall-Ażil, il-Migrazzjoni u l-Integrazzjoni (AMIF) u 25 % tal-fondi taħt il-Fond għas-Sigurtà Interna (ISF) allokati lill-Istati Membri għal dak il-perjodu għadhom ma ġewx iddikjarati;

2. Jinnota l-proposta tal-Kummissjoni biex jiżdiedu l-limiti massimi tal-Intestaturi 4 u 6 bħala parti mir-rieżami ta' nofs it-terminu tal-Qafas Finanzjarju Pluriennali bil-ħsieb li jiġi żgurat finanzjament biżżejjed għall-implimentazzjoni tal-Patt il-Ġdid dwar il-Migrazzjoni u l-Ażil; jisħaq fuq il-ħtieġa li jiġi żgurat finanzjament tal-Unjoni adegwat u f'waqtu għall-Istati Membri u l-aġenziji tal-Unjoni sabiex tiġi ffaċilitata l-ġestjoni effettiva tal-fruntieri esterni tal-UE, inklużi miżuri għall-prevenzjoni tal-migrazzjoni irregolari, filwaqt li tiġi appoġġjata l-implimentazzjoni bla xkiel tad-dritt tal-Unjoni fl-oqsma tal-ażil u l-migrazzjoni, u tiġi żgurata l-konformità mad-drittijiet fundamentali; jistieden lill-Kummissjoni biex timmonitorja, tassisti u tiskrutinizza l-progress f'waqtu tal-passi amministrattivi, operattivi u legali meħtieġa mill-Istati Membri u mill-aġenziji tal-Unjoni għall-implimentazzjoni sħiħa tal-Patt il-Ġdid dwar il-Migrazzjoni u l-Ażil sas-sajf tal-2026, f'konformità mal-iskadenzi stabbiliti mill-Pjan ta' Implimentazzjoni Komuni ppubblikat mill-Kummissjoni Ewropea fit-12 ta' Ġunju 2024;

3. Jinnota bi tħassib li, skont l-Organizzazzjoni Internazzjonali għall-Migrazzjoni (IOM), tal-anqas 8 565 ruħ tilfu ħajjithom fuq rotot tal-migrazzjoni madwar id-dinja fl-2023, u dan għamel lil din is-sena l-aktar waħda letali rreġistrata s'issa għall-migranti; jiddispjaċih barra minn hekk li, minkejja dan it-telf allarmanti ta' ħajjiet, l-għadd ta' migranti li waslu b'mod irregolari fl-Unjoni żdied fl-2023 meta mqabbel mas-snin preċedenti; jinnota bi tħassib id-distakk sinifikanti bejn l-għadd ta' deċiżjonijiet ta' ritorn maħruġa u l-għadd ta' ritorni li jiġu implimentati b'mod effettiv, filwaqt li jisħaq fuq il-ħtieġa għal politika ta' ritorn aktar effettiva; jinnota wkoll li l-Kummissjoni jeħtiġilha tagħmel sforzi aktar b'saħħithom sabiex tassisti lill-Istati Membri jindirizzaw il-qsim mhux awtorizzat tal-fruntieri u jimplimentaw b'suċċess ir-ritorni ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi; jistieden lill-Kummissjoni tassisti lill-Istati Membri fl-indirizzar tal-wasliet irregolari, il-migrazzjoni legali, u l-integrazzjoni ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi filwaqt li ttejjeb it-trasparenza u l-obbligu ta' rendikont tal-fondi għall-affarijiet interni tal-Unjoni f'pajjiżi terzi; ifakkar li l-Kummissjoni għandha tkompli tieħu azzjoni dwar il-migrazzjoni u l-ażil fil-qafas tal-azzjoni esterna, billi tinkorpora l-approċċ "Tim Ewropa" filwaqt li tissalvagwardja r-rwol tal-Parlament; jistieden lill-Kummissjoni żżid it-trasparenza u l-obbligu ta' rendikont tal-ipprogrammar u l-implimentazzjoni tal-fondi għall-affarijiet interni tal-Unjoni f'pajjiżi terzi; itenni t-talba tiegħu lill-Kummissjoni biex tappoġġja lill-aġenziji tal-Unjoni u lill-Istati Membri biex itemmu n-negozju tad-dħul klandestin u tat-traffikar ta' persuni fil-Mediterran sabiex il-migranti ma jagħmlux vjaġġi bil-baħar li jkunu ta' theddida għal ħajjithom; jistieden lill-Kummissjoni tirrifletti dwar politiki ġodda li jindirizzaw il-migrazzjoni irregolari f'konformità mal-prinċipju

ta’ non-refoulement;

4. Jieħu nota tat-talba magħmula mill-Istati Membri fil-Konklużjonijiet tal-Kunsill Ewropew tad-9 ta’ Frar 2023 għall-mobilizzazzjoni tal-fondi u r-riżorsi tal-UE biex jassistu lill-Istati Membri fit-tisħiħ tal-kapaċitajiet u l-infrastruttura ta’ sorveljanza tal-fruntieri, kif ukoll is-sorveljanza, biex jipprevjenu l-qsim mhux awtorizzat tal-fruntieri u biex jiġġieldu l-kriminalità transfruntiera, f’konformità mal-qafas legali eżistenti;

5. Jirrikonoxxi l-monitoraġġ kontinwu mill-Kummissjoni tal-parametri referenzjarji tal-istat tad-dritt permezz tas-sett ta’ għodod dwar l-istat tad-dritt, inkluż ir-rapport annwali dwar l-istat tad-dritt, filwaqt li jibqa’ mħasseb li, permezz tal-adozzjoni ta’ approċċ diplomatiku żżejjed, li jonqos milli jagħmel distinzjoni bejn kwistjonijiet individwali u sistemiċi, ir-rapport annwali dwar l-istat tad-dritt jirriskja li jnaqqas mis-sinifikanza ta’ xi wħud mill-ksur l-aktar serju u/jew persistenti tal-istat tad-dritt; jissottolinja l-importanza li l-valutazzjonijiet jiġu bbażati fuq indikaturi speċifiċi u li jistgħu jitkejlu, inkluża evidenza indipendenti ta’ implimentazzjoni prattika, sabiex tiġi żgurata evalwazzjoni aktar preċiża u kwalitattiva tal-parametru referenzjarju tal-istat tad-dritt; jappoġġja r-rabta tal-istrumenti finanzjarji, inklużi tal-fondi ta’ rkupru, mal-konformità ma’ objettivi intermedji importanti u mar-rispett għall-prinċipji tal-istat tad-dritt, filwaqt li jistieden lill-Kummissjoni tadotta approċċ aktar sistematiku, prevedibbli u trasparenti fl-iffriżar jew fit-tneħħija tal-iffriżar tal-fondi abbażi ta’ kriterji oġġettivi; itenni d-dispjaċir u t-tħassib serju tiegħu fir-rigward tal-legalità tad-deċiżjoni tal-Kummissjoni li kkonkludiet li, fl-Ungerija, il-kundizzjoni abilitanti orizzontali tal-Karta kienet ġiet issodisfata fir-rigward tal-indipendenza ġudizzjarja, liema deċiżjoni ppermettiet lill-awtoritajiet Ungeriżi jibdew jitolbu rimborżi sa madwar EUR 10,2 biljun mill-fondi tal-Unjoni; iħeġġeġ lill-Kummissjoni tinkludi, timmonitorja u tissalvagwardja l-kundizzjonijiet tad-drittijiet fundamentali fl-istrumenti u fil-proċessi baġitarji kollha, kif ukoll tapplika aktar ir-Regolament dwar il-Kundizzjonalità tal-Istat tad-Dritt u mingħajr dewmien fejn meħtieġ; jistieden lill-Kummissjoni tieħu passi lejn l-implimentazzjoni sħiħa tar-rakkomandazzjonijiet tal-Parlament dwar l-istabbiliment ta’ mekkaniżmu tal-UE għad-demokrazija, l-istat tad-dritt u d-drittijiet fundamentali, li jinsabu fir-riżoluzzjoni tiegħu tal-25 ta’ Ottubru 2016[1], filwaqt li tqis l-iżviluppi li seħħew sadanittant, u tiżgura li l-valutazzjonijiet tal-parametri referenzjarji tal-istat tad-dritt ikunu marbuta mal-ħin u li s-sejbiet kollha fir-rapport ikunu konnessi ma’ miżuri vinkolanti li jkunu aktar preċiżi u kwalitattivi milli huma bħalissa, filwaqt li jiddependu mhux biss fuq bidliet leġiżlattivi, iżda wkoll fuq evidenza reali u indipendenti tal-implimentazzjoni tagħhom fil-prattika;

6. Itenni t-tħassib kbir tiegħu dwar id-dewmien fil-proċeduri tal-Kummissjoni għall-għoti ta’ aċċess għad-dokumenti; iħeġġeġ lill-Kummissjoni tieħu passi immedjati u konkreti sabiex tindirizza dawn in-nuqqasijiet minnufih, f’konformità mar-rakkomandazzjonijiet tal-Parlament, filwaqt li tiżgura li l-aċċess għad-dokumenti jingħata b’mod li jkun f’waqtu, effiċjenti u trasparenti.

7. Ikompli jiddispjaċih ħafna għan-nuqqas ta’ miżuri ta’ infurzar u ta’ segwitu leġiżlattiv mill-Kummissjoni għar-rakkomandazzjonijiet tal-Parlament fir-rigward tal-użu tal-

[1]Ir-riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tal-25 ta’ Ottubru 2016 li tinkludi rakkomandazzjonijiet lill-Kummissjoni dwar l-istabbiliment ta’ mekkaniżmu tal-UE dwar id-demokrazija, l-istat tad-dritt u d-drittijiet fundamentali (2015/2254(INL)) (ĠU C 215, 19.6.2018, p. 162).

Pegasus u ta’ software ta’ spjunaġġ ekwivalenti u tal-istabbiliment ta’ mekkaniżmu tal-UE dwar id-demokrazija, l-istat tad-dritt u d-drittijiet fundamentali fil-forma ta’ ftehim interistituzzjonali; jistieden b’urġenza lill-Kummissjoni biex tirrispetta l-prinċipju tal-kooperazzjoni leali bejn l-istituzzjonijiet tal-Unjoni u ssegwi r-rakkomandazzjonijiet tal-Parlament kif meħtieġ; ikompli jistieden lill-Kummissjoni biex tippreżenta, mingħajr dewmien żejjed, pjan ta’ azzjoni għall-prevenzjoni tal-abbuż ta’ software ta’ spjunaġġ fl-Unjoni, filwaqt li tagħmel użu sħiħ mill-mezzi leġiżlattivi u mhux leġiżlattivi kollha disponibbli previsti mit-Trattati.

ANNESS: ENTITAJIET JEW PERSUNI LI R-RAPPORTEUR GĦAL OPINJONI RĊIEVA KONTRIBUT MINGĦANDHOM

Ir-rapporteur għal opinjoni jiddikjara, taħt ir-responsabbiltà esklużiva tiegħu, li ma rċieva l-ebda kontribut minn entità jew persuna li jrid jissemma f'dan l-Anness f'konformità mal-Artikolu 8 tal-Anness I tar-Regoli ta' Proċedura.

INFORMAZZJONI DWAR L-ADOZZJONI
FIL-KUMITAT LI JINTALAB JAGĦTI OPINJONI

Data tal-adozzjoni	6.2.2025
Riżultat tal-votazzjoni finali	+: 40 –: 14 0: 6
Membri preżenti għall-votazzjoni finali	Magdalena Adamowicz, Giuseppe Antoci, Jaume Asens Llodrà, Nikola Bartůšek, Krzysztof Brejza, Saskia Bricmont, Jaroslav Bžoch, Veronika Cifrová Ostrihoňová, Lena Düpont, Marieke Ehlers, Raquel García Hermida-Van Der Walle, Branko Grims, Evin Incir, Irena Joveva, Erik Kaliňák, Marina Kaljurand, Fabienne Keller, András László, Juan Fernando López Aguilar, Erik Marquardt, Michael McNamara, Birgit Sippel, Krzysztof Śmiszek, Petra Steger, Cecilia Strada, Georgiana Teodorescu, Milan Uhrík, Tom Vandendriessche, Charlie Weimers, Sophie Wilmès, Alessandro Zan, Javier Zarzalejos, Tomáš Zdechovský
Sostituti preżenti għall-votazzjoni finali	Fredis Beleris, David Casa, Sigrid Friis, Markéta Gregorová, Hannah Neumann, Gaetano Pedulla’, Sandro Ruotolo, Oliver Schenk, Alexander Sell, Bartłomiej Sienkiewicz, Malika Sorel, António Tânger Corrêa, Marco Tarquinio, Pekka Toveri, Loránt Vincze, Petar Volgin, Axel Voss, Michał Wawrykiewicz, Lucia Yar
Sostituti (skont l-Artikolu 209(7)) preżenti għall-votazzjoni finali	Bart Groothuis, Rima Hassan, Anja Hazekamp, Pär Holmgren, Sérgio Humberto, Evelyn Regner, Carla Tavares, Ingeborg Ter Laak

VOTAZZJONI FINALI B'SEJĦA TAL-ISMIJIET MILL-KUMITAT LI JINTALAB JAGĦTI OPINJONI

40	+
ECR	Georgiana Teodorescu, Charlie Weimers
ESN	Alexander Sell, Milan Uhrík
PPE	Magdalena Adamowicz, Fredis Beleris, Krzysztof Brejza, David Casa, Lena Düpont, Branko Grims, Sérgio Humberto, Oliver Schenk, Bartłomiej Sienkiewicz, Ingeborg Ter Laak, Pekka Toveri, Loránt Vincze, Axel Voss, Michał Wawrykiewicz, Javier Zarzalejos, Tomáš Zdechovský
Renew	Veronika Cifrová Ostrihoňová, Sigrid Friis, Raquel García Hermida-Van Der Walle, Bart Groothuis, Irena Joveva, Fabienne Keller, Michael McNamara, Sophie Wilmès, Lucia Yar
S&D	Evin Incir, Marina Kaljurand, Juan Fernando López Aguilar, Evelyn Regner, Sandro Ruotolo, Birgit Sippel, Krzysztof Śmiszek, Cecilia Strada, Marco Tarquinio, Carla Tavares, Alessandro Zan

14	-
ESN	Petar Volgin
NI	Erik Kaliňák
PfE	Nikola Bartůšek, Jaroslav Bžoch, Marieke Ehlers, András László, Malika Sorel, Petra Steger, António Tânger Corrêa, Tom Vandendriessche
The Left	Giuseppe Antoci, Rima Hassan, Anja Hazekamp, Gaetano Pedulla'

6	0
Verts/ALE	Jaume Asens Llodrà, Saskia Bricmont, Markéta Gregorová, Pär Holmgren, Erik Marquardt, Hannah Neumann

Tifsira tas-simboli użati:
+ : favur
- : kontra
0 : astensjoni